32004R1861

L 325/10 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 28.10.2004

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1861/2004

tat-28 ta' Ottubru 2004

li jistabilixxi l-istandards ta' tqegħid fis-suq applikabbli għall-ħawħ u ċ-ċiprisk

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-frott u l-ħxejjex[1], u partikolarment l-Artikolu 2(2) tiegħu,

billi:

(1) Il-ħawħ u ċ-ċiprisk huma fost il-prodotti mniżżlin f'l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 li għalihom iridu jiġu adottati l-istandards ta' tqegħid fis-suq. Ir-Regolament (KE) Nru 2335/1999 tal-Kummissjoni, tat-3 ta' Novembru 1999, li jistabilixxi l-istandards ta' tqegħid fis-suq applikabbli għall-ħawħ u ċ-ċiprisk[2] ġie emendat bosta drabi u m'għadux ġuridikament daqstant ċar. Minħabba f'hekk dan ir-Regolament għandu jitfassal mill-ġdid. Għal dan il-għan, u fl-interess li tkun ippreservata t-trasparenza fis-swieq internazzjonali, għandu jiġi kkunsidrat l-istandard UN/ECE FFV-26 li jikkonċerna t-tqegħid fis-suq u l-kontroll tal-kwalità kummerċjali tal-ħawħ u ċ-ċiprisk, irrakkomandat mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Istandardizzazzjoni tal-Prodotti tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa (UN/ECE), kif ukoll ir-rakkomandazzjoni tiegħu li introduċiet kriterji minimi ta' maturità applikabbli għall-ħawħ u ċ-ċiprisk.

(2) L-applikazzjoni ta' dawn l-istandards ġodda għandha twassal biex jirwarrbu minn fuq is-suq prodotti ta' kwalità mhux sodisfaċenti, iġġib il-produzzjoni tikkonforma mal-ħtiġijiet tal-konsumatur u tiffaċilita l-kummerċ ibbażat fuq kompetizzjoni ġusta, u b'hekk tgħin biex titjieb il-produzzjoni.

---

1 ĠU L 297, 21.11.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 47/2003 (ĠU L 7, 11.1.2003, p. 64).

2 ĠU L 281 tal-04.11.1999, p.11. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 907/2004 (ĠU L 163 tat-30.4.2004, p. 50.)

(3) L-istandards huma applikabbli għall-istadji kollha tat-tqegħid fis-suq. Trasport fit-tul, il-ħażna għal ċertu perjodu u d-diversi proċessi li l-prodotti jgħaddu minnhom jistgħu jikkawżaw ċertu ammont ta' deterjorament minħabba l-iżvilupp bijoloġiku tal-prodotti u n-natura tagħhom li jitħassru malajr. Dan id-deterjorament għandu jiġi kkunsidrat meta jiġi applikat l-istandard fl-istadju tat-tqegħid fis-suq wara d-dispaċċ.

(4) Minħabba li l-prodotti fil-kategorija "Extra" għandhom jintgħażlu u jiġu ppakkjati b'attenzjoni kbira, għandhom jitqiesu biss, fil-każ ta' dawn, in-nuqqas ta' freskezza u l-waqfien tal-prodott.

(5) Sabiex ma jsirx distorsjoni fis-suq tal-ħawħ u ċ-ċiprisk tal-Komunità fil-perjodu tat-tqegħid fis-suq, jaqbel li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi posposta għall-1 ta' Marzu 2005.

(6) Il-miżuri preskritti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Frott Frisk u l-Ħaxix,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-livelli ta' suq li għandhom x'jaqsmu mal-ħawħ u ċ-ċiprisk li huma skont il-kodiċi KN 0809 30 għandhom ikunu kif murija fl-Anness ma' dan.

Il-kriterju ta' klassifika għandu jkun jgħodd fit-taqsimiet kollha tas-suq taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2200/96.

Madankollu, fi stadji wara d-dispaċċ, il-prodotti jistgħu juru, b'relazzjoni għall-ħtiġijiet tal-istandard, nuqqas żgħir ta' freskezza u waqfien tal-prodott; il-prodotti kklassifikati mhux taħt il-klassi "Extra" jistgħu juru wkoll deterjorament ikkawżat mill-iżvilupp tagħhom u t-tendenza tagħhom li jitħassru.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 2335/1999 hu rrevokat.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Marzu 2005.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ottubru 2004.

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

STANDARD TA' SUQ GĦAL ĦAWĦ U ĊIPRISK

I. DEFINIZZJONI TAL-PRODOTT

Dan il-livell japplika għal ħawħ u ċiprisk[3] imkabbra minn varjetajiet (kultivar) ta' *Prunus persica Sieb. u Zucc*., li għandhom jingħataw friski lill-konsumatur, minbarra l-ħawħ u ċ-ċipresk destinati għall-ipproċessar industrijali.

DISPOŻIZZJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MA' KWALITÀ

L-għan tal-livell hu sabiex jiddeffinixxi l-ħtiġijiet ta' kwalità għal ħawħ u ċipresk wara l-preparazzjoni u ppakkjar.

A Karatteristiċi minimi ta' kwalità

Fil-kategoriji kollha, soġġetti għad-dispożizzjonijiet speċjali għal kull klassi u t-tolleranzi permessi, il-ħawħ u ċ-ċiprisk għandhom ikunu:

- sħaħ,

- ta' kwalità tajba; il-prodott affettwat mit-tinwir jew mid-deterjorazzjoni hekk li jagħmlu mhux tajjeb għall-konsum jiġi mwarrab,

- nadif, prattikament ħieles għal kollox minn kull materjal barrani li jidher,

- prattikament mingħajr parassiti,

- prattikament ħieles mill-ħsara kkawżata mid-dud u l-insetti qerrieda,

- mingħajr umdità minn barra mhux normali,

- mingħajr ebda riħa u/jew togħma barranija.

Il-ħawħ u ċ-ċiprisk għandhom ikunu maqtugħa b'attenzjoni.

L-iżvilupp u l-istat ta' sajran tal-ħawħ u ċ-ċipresk għandhom ikunu tali sabiex ikunu jistgħu:

- jifilħu għall-ġarr u t-tqandil bl-idejn, u

- jaslu f'kundizzjoni sodisfaċjenti fil-post ta' destinazzjoni.

---

[3] Dan it-test japplika għall-varjetajiet kollha mkabbra minn *Prunus persica Sieb. u Zucc.,* kemm jekk inhuma ħawħ jew ċiprisk jew simili b'għadma fihom (ħawħ Franċiż) jew mingħajr għadam u b'qoxra lixxa jew raffa.

B. Karatteristiċi minimi ta' maturità

IL-ħawħ u ċ-ċiprisk għandu jkun żviluppat biżżejjed u juri sajran sodisfaċenti.

L-iżvilupp u l-istat tal-maturità tal-ħawħ u ċ-ċiprisk irid ikunu tali li jippermettulhom ikomplu l-proċess tas-sajran u jilħqu livell sodisfaċenti ta' sajran. Sabiex jiġi ssodisfat dan ir-rekwiżit l-indiċi refrattometru tal-laħam, imkejjel fil-punt mezzan tal-frotta fis-sezzjoni ekwatorjali jrid ikun 8 ° Brix jew akbar u s-sodezza għandha tkun anqas minn 6.5 kg imkejla bi planġer ta' 8 mm dijametru (0.5ċm) f'żewġ punti tas-sezzjoni ekwatorjali tal-frotta.

C. Klassifikazzjoni

Il-ħawħ u ċ-ċiprisk huma kklassifikati fi tlett kategoriji kif imfissra taħt:

(i) Il-Kategorija "Extra"

Il-ħawħ u ċ-ċiprisk f'din il-kategorija għandhom ikunu ta' kwalità superjuri. Fil-forma, l-iżvilupp u l-kulur għandhom ikunu tipiċi tal-varjetà b'konsiderazzjoni għad-distrett li fih ikunu imkabbra. Għandhom ikunu mingħajr difetti bl-eċċezzjoni ta' difetti superfiċjali żgħar ħafna, sakemm dawn ma jaffettwawx l-apparenza ġenerali tal-prodott, il-kwalità, iż-żamma ta' kwalità tiegħu u l-preżentazzjoni tiegħu fil-pakkett.

(ii) Il-Kategorija I

Il-ħawħ u ċ-ċiprisk f'din il-kategorija għandhom ikunu ta' kwalità tajba. Għandhom ikollhom karatteristiċi tal-varjetà b'kunsiderazzjoni għad-distrett li fih ikunu imkabbra. Iżda, difett żgħir fil-forma, żvilupp jew kulur jista' jiġi aċċettat.

Il-frotta għandha tkun bla mittiefsa.

Il-ħawħ u ċ-ċiprisk maqsuma minn fejn iz-zokk ikun magħqud mal-frotta għandhom ikunu mwarrba.

Difetti żgħar fil-qoxra, iżda, jistgħu jitħallew sakemm dawn ma jaffettwawx l-apparenza ġenerali tal-prodott, il-kwalità, iż-żamma ta' kwalità tiegħu u l-preżentazzjoni tiegħu fil-pakkett f'dawn il-limiti:

- 1 ċm fit-tul għal difetti ta' forma tawwalija,

- 0.5 ċm² f'żona totali għal difetti oħra.

(iii) Għall-Kategorija II

Din il-kategorija tinkludi l-ħawħ u ċ-ċiprisk li ma jikkwalifikawx biex jidħlu fil-kategoriji ogħla, iżda li jissodisfaw il-ħtiġijiet minimi speċifikati fuq.

Il-laħma għandha tkun ħielsa minn difetti maġġuri. Frott maqsum minn fejn iz-zokk ikun magħqud mal-frotta huma permessi biss fil-limiti tat-tolleranzi ta' kwalità.

Id-difetti segwenti fil-qoxra jistgħu jitħallew sakemm il-ħawħ u ċ-ċiprisk iżommu il-karatteristiċi essenzjali tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwalità, żamma ta' kwalità u preżentazzjoni fil-limiti:

- 2 ċm fit-tul għal difetti ta' forma tawwalija,

- 1,5 ċm² f'żona totali għal difetti oħra.

III. DISPOŻIZZJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MA' DAQS

Id-daqs jiġi stabbilit b':

- ċirkumferenza, jew,

- dijametru massimu tat-taqsima ekwatorjali.

Il-ħawh u ċ-ċiprisk għandhom ikunu mqassma skont l-iskala segwenti:

Dijametru:	Identifikazzjoni tad-daqs (kodiċi)	Ċirkonferenza
90 mm u 'l fuq	AAAA	28 ċm u 'l fuq
ta' 80 mm u iktar imma taħt it-90 mm	AAA	ta' 25 ċm u iktar imma taħt it-28 ċm
ta' 73 mm u iktar imma taħt it-80 mm	AA	ta' 23 ċm imma taħt il-25 ċm
ta' 67 mm u iktar imma taħt it-73 mm	A	ta' 21 ċm u iktar imma taħt it-23 ċm
ta' 61 mm u iktar imma taħt it-67 mm	B	ta' 19 ċm imma taħt il-21 ċm
ta' 56 mm u iktar imma taħt it-61 mm	C	ta' 17,5 u iktar ċm imma taħt id-19 ċm
ta' 51 mm u iktar imma taħt it-56 mm	D	ta' 16 ċm u iktar imma taħt is-17,5 ċm

Id-daqs minimu permess ghall-kategorija "Extra" huwa ta' 17,5 ċm (ċirkumferenza) jew 56 mm (dijametru).

Id-daqs D (51 mm jew iżjed iżda inqas minn 56 mm ta' dijametru jew 16 ċm u iżjed iżda inqas minn 17,5 ċm ċirkumferenza) mhux permess fil-perijodu bejn l-1 ta' Lulju sal-31 ta' Ottubru.

Għandu jingħata daqs f'kull kategorija.

IV. DISPOŻIZZJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MA' TOLLERANZI

Jistgħu jiġu permessi tolleranzi rigward il-kwalità f'kull pakkett tal-prodott li ma jissodisfax il-ħtiġijiet tal-kategorija indikata,

A. Tolleranzi għall-kwalità

(i) Il-kategorija "Extra"

5 % tan-numru jew piż ta' ħawħ jew ċiprisk li ma jissodisfawx il-ħtiġijiet tal-kategorija, iżda li jissodisfaw dawk ta' kategorija I, jew, eċċezzjonalment, li huma skont it-tolleranzi ta' dik il-kategorija.

(ii) Il-Kategorija I

10 % tan-numru jew piż ta' ħawħ jew ċiprisk li ma jissodisfawx il-ħtiġijiet tal-kategorija, iżda li jissodisfaw dawk ta' kategorija II, jew, eċċezzjonalment, li huma skont it-tolleranzi għal dik il-kategorija.

(iii) Il-Kategorija II

10 % tan-numru jew piż ta' ħawħ jew ċiprisk li ma jissodisfawx la l-ħtiġijiet tal-kategorija u lanqas il-ħtiġijiet minimi, b'l-eċċezzjoni ta' frott li qed jeħżien, imbenġel sew jew kull deterjorazzjoni oħra li tagħmlu mhux tajjeb għall-kunsum.

B. Tolleranzi għad-daqs

Għall-kategoriji kollha: 10 % tan-numru jew piż ta' ħawħ jew ċiprisk sa mhux aktar minn 1 ċm aktar jew inqas mid-daqs iddikjarat fuq il-pakkett fil-każ ta' kejl b'ċirkomferenza u sa mhux aktar minn 3mm aktar jew anqas fil-każ ta' kejl b'dijametru. Iżda, għal frott fl-iżgħar daqs, din it-tolleranza għandha tapplika biss għal ħawħ jew ċiprisk ta' daqs iżgħar b'mhux aktar minn 6mm (ċirkumferenza) jew 2mm (dijametru) mid-daqs minimu speċifikat.

V. DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD IL-PREŻENTAZZJONI

A. Uniformità

Il-kontenut ta' kull pakkett għandu jkun uniformi u jkun fin biss ħawħ jew ċiprisk ta' l-istess oriġini, varjetà, kwalità, grad ta' sajran u daqs, u għall-klassi "Extra", il-kontenut għandu jkun uniformi fil-kulur.

Il-parti li tidher tal-kontenut tal-pakkett trid tkun rappreżentattiva tal-kontenut kollu.

Minkejja d-dispożizzjonijiet preċedenti f'dan il-punt, prodotti li jaqgħu taħt dan ir-Regolament jistgħu jkunu mħallta, f'pakketti mqegħda għal bejgħ li jkunu ta' piż nett ta' tlett kilogrammi jew inqas, b' tipi differenti ta' frott u ħaxix frisk taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti bir Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 48/2003[4].

[4] ĠU L 7, 11.1.2003, p. 65.

B Kundizzjonar

Il-ħawħ u ċ-ċiprisk għandhom ikunu ppakkjati b'tali mod li jipproteġi l-prodott b'mod xieraq.

Il-materjali użati ġewwa l-pakkeġġ iridu jkunu ġodda, nodfa u tal-kwalità hekk li jevitaw milli jikkawżaw kull ħsara fuq barra u fuq ġewwa tal-prodott. L-użu ta' materjali, partikolarment karti jew bolol li fihom speċifikazzjonijiet kummerċjali huwa permess, sakemm l-istampar jew it-tabellar ikun sar b' inka jew kolla mhux tossiċi.

It-tikketti mwaħħla individwalment fuq il-prodotti għandhom ikunu tat-tip li, meta jinqalgħu, la jħallu traċċi viżibbli ta' kolla, u lanqas difetti fuq il-qoxra.

Il-pakketti jridu jkunu ħielsa minn kull materja barranija.

C. Preżentazzjoni

Il-ħawħ u ċiprisk għandhom ikunu ppreżentati:

- f'pakketti żgħar,

- kull frotta individwali fil-kategorija "Extra" għandha tkun isseparata minn dawk ta' madwarha,

Fil-kategoriji I u II:

- f'saff wieħed jew tnejn, jew

- f'mhux aktar minn erba' safef meta l-frott ikun imqiegħed f'reċipjenti riġidi rranġati b'tali mod li ma jserrħux fuq il-bqija tal-frott fis-saff immedjat ta' taħthom.

VI. DISPOŻIZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW L-ITTIKKETTJAR

Kull pakkett irid iġorr il-partikolaritajiet li ġejjin, f'ittri miġjuba fi gruppi fuq l-istess naħa, immarkati leġibbilment u li ma jitħassrux, u li jidhru minn fuq barra:

A. Identifikazzjoni

L-isem u l-indirizz ta' min jippakkjah u/jew min jibagħtu.

Dan it-tagħrif jista' tkun mibdul:

- għall-pakketti kollha bl-eċċezzjoni ta' pakketti ppakkjati minn qabel, permezz tal-marka ta' kodiċi maħruġa u aċċettata uffiċjalment li tirrapreżenta lil min jippakkjahom u/jew minn jibgħathom, indikat b'konnessjoni viċina mar-referenza "Min jippakkja u/jew Min jibgħat" jew abbrevjazzjonijiet ekwivalenti;

- għal pakketti ppakkjati minn qabel biss, bl-isem u l-indirizz ta' bejjiegħ stabbilit fil-Komunità indikat b'rabta qariba mal-avviż "Ippakkjat għal:" jew avviż ekwivalenti. F'dan il-każ, l-ittikkettjar għandu jinkludi wkoll kodiċi li jirrapreżenta lil min

jippakkja u/jew min jibgħat. Il-bejjiegħ għandu jagħti l-informazzjoni kollha li s-servizzi ta' spezzjoni jikkunsidra neċessarja rigward it-tifsira ta' dan il-kodiċi;

B. In-natura tal-prodott

- "Ħawħ" jew "Ċiprisk", jekk il-kontenut ma jkunx jidher minn barra,

- kulur tal-qoxra,

- Isem tal-varjetà (tista' tagħżel li tħalliha vojta).

C. L-orġini tal-prodott

Pajjiż ta' oriġini u, eventwalment, id-distrett fejn imkabbar, jew isem nazzjonali, reġjonali jew tal-post lokali.

D. L-ispeċifikazzjonijiet kummerċjali

- kategorija,

- daqs imfisser f'dijametri minimi u massimi jew ċirkumferenzi minimi u massimi jew skont il-kodiċi preskritta fit-Taqsima III "Dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' daqs",

- in-numru ta' frottiet (tista' tagħżlu jew le),

- kontenut minimu ta' zokkor, imkejjel b'refrattrometru u mfisser fi gradi ta' Brix (tista' tagħżlu jew le),

- waqfien massimu, imkejjel b'penetrometer u mfisser f'kg/0,5 ċm² (tista' tagħżilha jew le),

E. Marka ta' kontroll uffiċjali (tista' tagħżilha jew le).

Il-pakketti ma jeħtiġux li juru d-dettalji msemmija fl-ewwel subparagrafu, meta jkun fihom pakketti għall-bejgħ, ċarament viżibbli minn barra, u meta kollha jkunu juru dawn id-dettalji. Dawn il-pakketti għandhom ikunu ħielsa minn kwalunkwe indikazzjoni li tista' tiżgwida. Meta dawn il-pakketti jkunu fuq pelits, id-dettalji għandhom jingħataw f'notifika mqegħda f'pożizzjoni ovvja fuq talanqas żewġ naħat tal-pelit.